KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
HOGAN
ippreżentati fl-1 ta' Ottubru 2020 [1]

Kawża C-940/19

Les Chirurgiens-Dentistes de France,
Confédération des Syndicats médicaux français,
Fédération des Syndicats pharmaceutiques de France,
Syndicat des Biologistes,
Syndicat des Médecins libéraux,
Union dentaire,
Conseil national de l'Ordre des Chirurgiens-Dentistes,
Conseil national de l'Ordre des Masseurs-Kinésithérapeutes,
Conseil national de l'Ordre des Infirmiers
vs
Ministre des Solidarités et de la Santé,
Ministre de l'Enseignement supérieur, de la Recherche et de l'Innovation,
Premier ministre

(Talba għal deċiżjoni preliminari mill-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat, Franza))

(Talba għal deċiżjoni preliminari — Rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali — Direttiva 2005/36/KE — Artikolu 4f(6) — Leġiżlazzjoni nazzjonali li tistabbilixxi aċċess parzjali lil ċertu professjonijiet paramediċi)

I. Introduzzjoni

1. Din it-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 4f(6) tad-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar ir-Rikonoxximent ta' Kwalifiki Professjonali [2], kif emendat mid-Direttiva 2013/55/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Novembru 2013 li temenda d-Direttiva 2005/36/KE dwar ir-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali u r-Regolament (UE) Nru 1024/2012 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern ("ir-Regolament tal-IMI") [3]. Dik id-dispożizzjoni tippermetti għall-ewwel darba l-aċċess parzjali għal attività professjonali fil-kuntest ta' sistema ta' rikonoxximent ta' kwalifiki reċiproka.

1 Lingwa oriġinali: l-Ingliż.

2 ĠU 2005, L 255, p. 22.

3 ĠU 2013, L 354, p. 132.

2. Filwaqt li r-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali reċiproku huwa ġeneralment irrikonoxxut bħala wieħed mill-ikbar kisbiet tas-suq intern, huwa wkoll tajjeb li jiġi osservat li dan ma ġiex mingħajr id-diffikultajiet tiegħu. Kwistjoni waħda li ħarġet hija li l-esperjenza uriet li fi ħdan kull Stat Membru jista' jkun hemm varjetà ta' subkategoriji u speċjalizzazzjonijiet fi ħdan professjonijiet varji. F'ħafna każijiet dawn il-prattikanti partikolari jistgħu jkunu nieqsa mill-kwalifiki rekwiżiti li jippermettulhom jikkwalifikaw għar-rikonoxximent għal finijiet professjonali sħaħ fi Stat Membru ieħor.

3. Huwa sabiex tiġi indirizzata dik il-problema partikolari li, kif ser naraw, il-leġiżlatur tal-Unjoni introduċa l-kunċett ta' aċċess parzjali sabiex jittratta dawn is-subkategoriji u speċjalizzazzjonijiet. Peress li d-dentistrija tifforma l-isfond ta' dan il-każ, l-iġenisti dentali huma wieħed minn dawn il-każijiet. L-iġenist dentali kkwalifikat jista' jkollu x-xewqa li jipprattika fi Stat Membru ieħor iżda jsib li hu jew hi mhux intitolat li jagħmel hekk mingħajr ma jikkwalifika wkoll bħala kirurgu dentali. Dispożizzjoni għal aċċess parzjali fid-direttiva l-iktar reċenti dwar ir-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali tfittex biex tindirizza din il-kwistjoni.

4. Din it-talba saret fil-kuntest ta' proċeduri istitwiti mill-Confédération nationale des Syndicats dentaires, issa Les Chirurgiens-Dentistes de France, u organizzazzjonijiet oħra li jirrappreżentaw professjonisti li joperaw fis-settur tas-saħħa. Il-konvenuti f'dawn il-proċeduri huma l-Ministre des Solidarités et de la Santé (il-Ministru għas-Solidarjetà u s-Saħħa), il-Ministre de l'Enseignement supérieur, de la recherche et de l'innovation (il-Ministru għall-Edukazzjoni Għolja, Riċerka u Innovazzjoni) u l-Premier Ministre (il-Prim Ministru). Ir-rikorrenti jikkontendu, fil-fatt, li l-Gvern Franċiż aġixxa b'mod illegali fil-mod ta' kif diversi atti regolatorji fittxew biex jittrasponu r-rekwiżiti tad-Direttiva 2013/55 fid-dritt nazzjonali Franċiż.

II. Kuntest Legali

A. Id-Dritt tal-Unjoni

1. Id-Direttiva 2013/55

5. Il-premessa 7 tad-Direttiva 2013/55 tgħid:

"Id-Direttiva 2005/36/KE tapplika biss għal professjonisti li jixtiequ jeżerċitaw l-istess professjoni fi Stat Membru ieħor. Hemm każijiet fejn, fl-Istat Membru ospitanti, l-attivitajiet ikkonċernati jkunu parti minn professjoni b'ambitu ta' attivitajiet akbar milli fl-Istat Membru ta' oriġini. Jekk id-differenzi bejn l-oqsma ta' attività tant ikunu kbar tant li jkun meħtieġ li l-professjonist jagħmel programm sħiħ ta' edukazzjoni u taħriġ sabiex jikkumpensa għan-nuqqasijiet u jekk il-professjonist jitlob dan, f'dawn iċ-ċirkustanzi partikolari Stat Membru ospitanti għandu jawtorizza aċċess parzjali. Madankollu, fejn ikun hemm raġunijiet prevalenti ta' interess ġenerali, kif definiti mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fil-ġurisprudenza tagħha relatata mal-Artikoli 49 u 56 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) u li tista' tkompli tevolvi, Stat Membru għandu jkun jista' jiċħad talba għal aċċess parzjali. Dan jista', b'mod partikolari, ikun il-każ għall-professjonisti tas-saħħa jekk ikollhom implikazzjonijiet marbuta mas-saħħa pubblika jew mas-sikurezza tal-pazjenti. L-għoti ta' aċċess parzjali għandu jkun mingħajr preġudizzju għad-dritt tas-sieħba soċjali li jorganizzaw irwieħhom."

2. Id-Direttiva 2005/36

6. L-Artikolu 1 tad-Direttiva 2005/36, intitolat "Għan", huwa fformulat kif ġej:

"Din id-Direttiva tistabbilixxi regoli skond liema Stat Membru li jissoġġetta l-aċċess jew l-eżerċizzju ta' professjoni regolata fit-territorju tiegħu għall-kondizzjoni ta' pussess ta' kwalifiki professjonali speċifiċi (minn hawn 'il quddiem imsejħa 'l-Istat Membru ospitanti') għandu jirrikonoxxi kwalifiki professjonali miksuba fi Stat Membru jew aktar (minn hawn 'il quddiem imsejħa 'l-Istat Membru ta' l-oriġini') u li jippermettu li persuna li jkollha dawk il-kwalifiki teżerċita l-istess professjoni hemmhekk, għal aċċess għal u eżerċizzju ta' dik il-professjoni.

Din id-Direttiva tistabbilixxi wkoll ir-regoli li jikkonċernaw l-aċċess parzjali għal professjoni regolata u r-rikonoxximent ta' dan it-taħriġ prattiku professjonali li jsir fi Stat Membru ieħor."

7. L-Artikolu 4 tad-Direttiva 2005/36, intitolat "Effetti tar-rikonoxximent", jipprovdi:

"1. Ir-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali mill-Istat Membru ospitanti jippermetti lill-benefiċjarju sabiex jikseb aċċess f'dak l-Istat Membru għall-istess professjoni bħal dik li huwa kwalifikat fiha fl-Istat Membru ta' l-oriġini u sabiex jeżerċitaha fl-Istat Membru ospitanti taħt l-istess kondizzjonijiet bħaċ-ċittadini tiegħu.

2. Għall-għanijiet ta' din id-Direttiva, il-professjoni li l-applikant jixtieq li jeżerċita fl-Istat Membru ospitanti hija l-istess bħal dik li huwa kwalifikat fiha fl-Istat Membru ta' l-oriġini jekk l-attivitajiet koperti huma paragunabbli.

3. B'deroga mill-paragrafu 1, aċċess parzjali għal professjoni fl-Istat Membru ospitanti għandu jingħata skont il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 4f."

8. Skont l-Artikolu 4f tad-Direttiva 2005/36, introdott mid-Direttiva 2013/55 u intitolat "Aċċess Parzjali":

"1. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti għandha tagħti aċċess parzjali, abbażi ta' kull każ għalih, għal attività professjonali fit-territorju tagħha biss fejn jiġu sodisfatti l-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) il-professjonist ikun kompletament ikkwalifikat biex jeżerċita fl-Istat Membru ta' oriġini l-attività professjonali li għaliha jitlob aċċess parzjali fl-Istat Membru ospitanti;

(b) id-differenzi bejn l-attività professjonali mwettqa fl-Istat Membru ta' oriġini u l-professjoni regolata fl-Istat Membru ospitanti tant huma kbar li l-applikazzjoni tal-miżuri ta' kumpens ikunu jirriżultaw fi ħtieġa li l-applikant ilesti l-programm sħiħ ta' edukazzjoni u taħriġ meħtieġ fl-Istat Membru ospitanti sabiex ikollu aċċess għall-professjoni regolata sħiħa fl-Istat Membru ospitanti;

(c) l-attività professjonali tista' tiġi separata b'mod oġġettiv minn attivitajiet oħra li jaqgħu taħt il-professjoni regolata fl-Istat Membru ospitanti.

Għall-fini tal-punt (c), l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti għandha tqis jekk l-attività professjonali tistax issir b'mod awtonomu fl-Istat Membru ta' oriġini.

2. L-aċċess parzjali jista' jiġi rifjutat jekk tali rifjut ikun ġustifikat minn raġunijiet prevalenti ta' interess ġenerali, xierqa biex jiġi żgurat li jiintlaħaq l-objettiv mixtieq u ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jintlaħaq dak l-objettiv.

3. L-applikazzjonijiet għall-fini tal-istabbiliment fi Stat Membru ospitanti għandhom jiġu eżaminati skont il-Kapitoli I u IV tat-Titolu III fil-każ ta' stabbiliment fl-Istat Membru ospitanti.

4. L-applikazzjonijiet għall-fini tal-forniment ta' servizzi temporanji u okkażjonali fl-Istat Membru ospitanti li jikkonċernaw attivitajiet professjonali b'implikazzjonijiet marbuta mas-s-saħħa u s-sikurezza pubblika għandhom jiġu eżaminati skont it-Titolu II.

5. B'deroga mis-sitt subparagrafu tal-Artikolu 7(4) u l-Artikolu 52(1), l-attività professjonali għandha titwettaq bit-titlu professjonali tal-Istat Membru ta' oriġini ladarba jingħata aċċess parzjali. L-Istat Membru ospitanti jista' jeżiġi l-użu ta' dak it-titlu professjonali fil-lingwi tal-Istat Membru ospitanti. Il-professjonisti li jibbenefikaw minn aċċess parzjali għandhom jindikaw b'mod ċar lir-riċevituri tas-servizzi l-ambitu tal-attivitajiet professjonali tagħhom.

6. Dan l-Artikolu m'għandux japplika għall-professjonisti li jibbenefikaw minn rikonoxximent awtomatiku tal-kwalifiki professjonali tagħhom skont il-Kapitoli II, III u IIIa tat-Titolu III."

9. Skont l-Artikolu 21(1) tad-Direttiva 2005/36, intitolat "Prinċipju ta' rikonoxximent awtomatiku":

"Kull Stat Membru għandu jirrikonoxxi bħala provi ta' kwalifiki formali ta' tabib li jagħti aċċess għal attivitajiet professjonali ta' tabib b'taħriġ bażiku u tabib speċjalizzat, bħala infermiera responsabbli mill-kura ġenerali, bħala dentist, bħala dentist speċjalizzat, bħala kirurgu veterinarju, bħala spiżjar u bħala perit, elenkati fl-Anness V, punti 5.1.1, 5.1.2, 5.2.2, 5.3.2, 5.3.3, 5.4.2, 5.6.2 u 5.7.1 rispettivament, dawk il-provi li jissodisfaw ir-rekwiżiti minimi ta' taħriġ imsemmija fl-Artikoli 24, 25, 31, 34, 35, 38, 44 u 46 rispettivament, u għandu, għall-finijiet ta' aċċess għal u l-eżerċizzju ta' attivitajiet professjonali, jagħti dawn il-provi l-istess effett fuq it-territorju tiegħu bħala provi ta' kwalifiki formali li joħroġ huwa stess.

[…]"

B. Id-Dritt Franċiż

10. L-ordonnance du 19 janvier 2017 relative à la reconnaissance des qualifications professionnelles dans le domaine de la santé (id-Digriet Nru. 2017-50 tad-19 ta' Jannar 2017 dwar ir-Rikonoxximent tal-Kwalifiki Professjonali fis-Settur tas-Saħħa Kienet Adottata Sabiex Tittrasponi id-Direttiva 2013/55 fid-dritt Franċiż. Din introduċiet l-Artikoli L. 4002-3 sa L. 4002-6 fil-code de la santé publique (il-Kodiċi tas-Saħħa Pubblika).

11. L-Artikolu L. 4002-3 tal-Kodiċi tas-Saħħa Pubblika jiftaħ l-possibilità ta' aċċess parzjali lill-professjonijisti tas-saħħa kollha rregolati mill-Parti IV tal-istess Kodiċi, inkluż, konsegwentement, il-professjonijiet li għalihom japplika l-mekkaniżmu tar-rikonoxximent awtomatiku tal-kwalifiki professjonali.

12. Id-Décret du 2 novembre 2017 relatif à la reconnaissance des qualifications professionnelles dans le domaine de la santé (id-Digriet Nru. 2017-1520 tat-2 ta' Novembru 2017 dwar ir-Rikonoxximent ta' Kwalifiki Professjonali fil-Qasam tas-Saħħa), ġie maħruġ għall-applikazzjoni, b'mod partikolari, tal-Artikolu L. 4002-3 tal-Kodiċi tas-Saħħa Pubblika. L-ordnijiet tal-Ministeru tas-Solidarjetà u s-Saħħa tal-4 u t-8 ta' Diċembru 2017 ġew maħruġa biex jimplimentaw d-Digriet Nru 2017-1520 tat-2 ta' Novembru 2017.

III. Il-fatti tal-proċeduri prinċipali

13. Les Chirurgiens-Dentistes de France u l-organizzazzjonijiet l-oħra msemmija hawn fuq, permezz ta' varji rikorsi, ressqu azzjoni dwar l-eċċess ta' poter quddiem il-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat, Franza) jitolbu, skont il-każ, l-annullament, sħiħ jew parzjali, tad-Digriet Nru 2017-1520 tat-2 ta' Novembru 2017, u/jew l-annullament tal-Ordni tal-Ministru tas-Solidarjetà u s-Saħħa tal-4 ta' Diċembru 2017, u/jew l-annullament tal-Ordni tal-Ministru tas-Solidarjetà u s-Saħħa tat-8 ta' Diċembru 2017.

14. Biex isostnu l-azzjoni tagħhom, ir-rikorrenti allegaw, *inter alia*, li d-dispożizzjonijiet legali nazzjonali hawn fuq imsemmija jinkludu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-aċċess parzjali b'mod illegali l-professjonijiet koperti mill-Kapitolu III tat-Titolu III tad-Direttiva 2005/36, jiġifieri l-professjonijiet li jibbenefikaw mill-mekkaniżmu tar-rikonoxximent awtomatiku ta' kwalifiki professjonali.

15. Peress li dawk id-dispożizzjonijiet varji huma bbażati fuq l-ordni li tittrasponi d-Direttiva 2013/55 fid-dritt Franċiż, il-qorti nazzjonali sabet li l-kwistjoni ta' jekk l-Artikolu 4f(6) tad-Direttiva 2005/36 – introdott mid-Direttiva 2013/55 – jipprekludix Stat Membru milli jipprovdi għall-possibbiltà ta' aċċess parzjali għal wieħed minn dawk il-professjonijiet kienet għalhekk deċiżiva għar-reżoluzzjoni tat-tilwima.

IV. It-talba għal deċiżjoni preliminari u l-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

16. Huwa f'dawk iċ-ċirkustanzi li, permezz tad-deċiżjoni tad-19 ta' Diċembru 2019, riċevuta fil-Qorti tal-Ġustizzja fit-30 ta' Diċembru 2019, il-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat) iddeċieda li jissospendi l-proċeduri u jagħmel s-segwenti domanda preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"L-Artikolu 4f(6) tad-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar ir-Rikonoxximent ta' Kwalifiki Professjonali jeskludi li Stat Membru jistabbilixxi l-possibbiltà ta' aċċess parzjali għal waħda mill-professjonijiet li għalihom jiġi applikat il-mekkaniżmu tar-rikononxximent awtomatiku tal-kwalifiki professjonali previst mid-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu III tat-Titolu III tal-istess direttiva?"

17. Osservazzjonijiet bil-miktub ġew ippreżentati mil-Les Chirurgiens-Dentistes de France, il-Conseil national de l'Ordre des Chirurgiens-Dentistes, il-Conseil national de l'Ordre des Infirmiers, il-Gvern Ċek, Franċiż u dak Awstrijak u mill-Kummissjoni Ewropea.

18. Fi tmiem il-fażi bil-miktub tal-proċedura l-Qorti tal-Ġustizzja qieset li kellha informazzjoni biżżejjed biex tgħaddi għas-sentenza mingħajr ma ssir seduta, skont l-Artikolu 76(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja.

V. Analiżi

19. Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, b'mod partikolari is-sentenza tad-19 ta' Jannar 2006, Colegio de Ingenieros de Caminos, Canales y Puertos (C-330/03, EU:C:2006:45) u, fis-settur tas-saħħa, is-sentenza tas-27 ta' Ġunju 2013, Nasiopoulos (C-575/11, EU:C:2013:430), il-leġiżlatur tal-Unjoni introduċa fid-Direttiva 2005/36 il-kunċett ta' "aċċess parzjali" għal attività professjonali. Għalhekk, skont l-Artikolu 4f(1) tad-Direttiva 2005/36, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti issa jkollha, abbażi ta' kull każ għalih u jekk il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dik id-dispożizzjoni huma ssodisfatti, tagħti aċċess parzjali għal attività professjonali fit-territorju tagħha.

20. Madankollu, l-Artikolu 4f(6) tad-Direttiva 2005/36 jgħid li dan l-Artikolu 4f "m'għandux japplika għall-professjonisti li jibbenefikaw minn rikonoxximent awtomatiku tal-kwalifiki professjonali tagħhom skont il-Kapitoli II, III u IIIa tat-Titolu III."

21. Bid-domanda tiegħu, il-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat) ifittex preċiżament biex jaċċerta jekk l-Artikolu 4f(6) tad-Direttiva 2005/36 jipprekludix aċċess parzjali lil wieħed mill-professjonijiet koperti mill-mekkaniżmu tar-rikonoxximent awtomatiku tal-kwalifiki professjonali stabbiliti fid-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu III tat-Titolu III ta' dik id-direttiva.

22. Fid-dawl tal-formulazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-direttiva inkwistjoni, is-sistema u skema ġenerali tagħha u l-għanijiet segwiti minnha, jien tal-fehma li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha twieġeb din id-domanda fin-negattiv. Nasal għal din il-konklużjoni għar-raġunijiet segwenti.

23. L-ewwel nett, fir-rigward tal-formulazzjoni tal-Artikolu 4f(6) tad-Direttiva 2005/36, għandu jiġi nnutat li, kontra għal dispożizzjonijiet oħra ta' dik id-direttiva, il-leġiżlatur uża il-kelma "professjonisti" minflok "professjonijiet"[4]. Din l-għażla ta' kliem tidher waħda intenzjonata. Filwaqt li l-proposta tal-Kummissjoni ma kinitx tinkludi dispożizzjoni bħalma hu l-preżenti sitt paragrafu tal-Artikolu 4f tad-Direttiva 2005/36, il-Parlament Ewropew ippropona emenda biex jeskludi "ċertu professjonijiet" mill-aċċess parzjali b'mod kollettiv, u mhux abbażi ta' kull każ għalih[5]. Madankollu, il-kelma "professjonisti" kienet ippreferuta wara ftehim bejn l-istituzzjonijiet involuti fil-proċess leġiżlattiv.

24. Peress li d-Direttiva 2005/36 ma tipprovdi l-ebda definizzjoni tal-kunċett ta' "professjonisti", it-tifsira u l-iskop ta' dak il-kunċett għandhom, kif saħqet konsistentement il-Qorti tal-Ġustizzja, jiġu ddeterminati billi tiġi kkunsidrata t-tifsira abitwali tagħha fil-lingwaġġ ta' kuljum, filwaqt li jittieħed ukoll inkunsiderazzjoni il-kuntest li fih isseħħ u l-għanijiet tar-regoli li minnhom tifforma parti[6].

25. F'dawk iċ-ċirkustanzi, l-għażla tal-kliem użat fl-Artikolu 4f(6) tad-Direttiva 2005/36 għandu tendenza jillimita l-portata tad-deroga prevista f'dik id-dispożizzjoni għall-professjonisti – jiġifieri persuni li jeżerċitaw waħda mill-professjonijiet imsemmija fil-Kapitoli II, III u IIIa tat-Titolu III tad-Direttiva 2005/36 u li, jibbenefikaw mir-rikonoxximent awtomatiku tal-kwalifiki professjonali tagħhom skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fid-Direttiva – u mhux għall-professjoni intiżi b'mod kollettiv.

26. Fit-tieni lok, analiżi tal-istruttura tal-Artikolu 4f tad-Direttiva 2005/36 tikkonferma dik l-interpretazzjoni peress li tali analiżi kuntestwali jew approċċ sistematiku jirrikjedi li l-paragrafi li jiffurmaw artikolu jifformaw ħaġa waħda, li d-dispożizzjonijiet tagħha ma jistgħux jittieħdu waħedhom[7].

27. F'dak il-kuntest, huwa indiskutibbli li l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 4f tad-Direttiva 2005/36 jistabbilixxi l-prinċipju ta' aċċess parzjali għal attivitajiet professjonali u jinkludi l-kundizzjonijiet skont liema tali aċċess parzjali huwa awtorizzat, filwaqt li t-tieni paragrafu jipprovdi għall-possibbiltà li jiġi rrifjutat aċċess parzjali għal raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali. It-tielet u r-raba' paragrafu mbagħad jispjegaw il-proċedura skont liema applikazzjonijiet għandhom jiġu eżaminati u l-ħames paragrafu jispeċifika taħt liema titolu l-attività professjonali għandha tiġi eżerċitata u x'informazzjoni għandha tiġi pprovduta lir-riċevitur tas-servizz. Is-sitt u l-aħħar paragrafu mbagħad jispeċifikaw li dawn id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 4f ma humiex applikabbli għal professjonisti li jibbenefikaw mir-rikonoxximent awtomatiku tal-kwalifiki professjonali tagħhom skont il-Kapitoli II, III u IIIa

4 Ara, b'kuntrast, l-Artikolu 6(a), 7(4) jew 10 tad-Direttiva 2005/36.

5 Qabbel il-Proposta tal-Kummissjoni għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2005/36/KE dwar ir-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali u r-regolament dwar il-kooperazzjoni amministrattiva permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern (KUMM(2011) 883 finali) u emenda 34 fir-Rapport Abbozz tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur tas-16 ta' Lulju 2012 dwar il-proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2005/36/KE dwar ir-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali u r-Regolament dwar kooperazzjoni amministrattiva permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern (2011/0435 (COD)).

6 Ara, f'dak is-sens, is-sentenza tat-12 ta' Ġunju 2018, Christian Louboutin, Christian Louboutin SAS (C-163/16, EU:C:2018:423, punt 20).

7 Ara, f'dak is-sens, is-sentenza tat-3 ta' Settembru 2015, Sodiaal International SA (C-383/14, EU:C:2015:541, punt 25).

tat-Titolu III. Huwa għalhekk ċar minn din l-istruttura li l-aħħar paragrafu huwa eċċezzjoni għal prinċipju stabbilit fl-ewwel paragrafu u bbażat fis-segwenti paragrafi. Bħala eċċezzjoni għall-prinċipju ta' aċċess parzjali, l-Artikolu 4f(6) tad-Direttiva 2005/36 għandu, għalhekk, jiġi interpretat b'mod restrittiv.

28. Fit-tielet lok, l-għan segwit mill-Artikolu 4f tad-Direttiva 2005/36 u, b'mod iktar wiesa', minn din id-direttiva, iwassal għall-istess interpretazzjoni.

29. Fir-rigward tal-għan tad-Direttiva 2005/36, kif diġà ddeċidiet il-Qorti tal-Ġustizzja, l-għan ta' din id-direttiva huwa li tippermetti lid-detentur ta' kwalifika professjonali li jagħti aċċess għal professjoni rregolata fl-Istat Membru tal-oriġini tad-detentur biex jikseb aċċess, fl-Istat Membru ospitanti, għall-istess professjoni bħal dik li huwa kkwalifikat għaliha [8].

30. Fir-rigward tal-għan tal-Artikolu 4f tad-Direttiva 2005/36, jista' jiġi miżjud, fl-ewwel lok, li d-direttiva li introduċiet din id-dispożizzjoni – jiġifieri d-Direttiva 2013/55 – ġiet adottata fuq il-bażi tal-Artikolu 53(1) TFUE. Madankollu, jidher mill-formulazzjoni tad-dispożizzjoni tal-aħħar li l-għan tad-direttivi adottati fuq dik il-bażi huwa li jiġi ffaċilitat ir-rikonoxximent reċiproku ta' diplomi, ċertifikati u evidenza oħra ta' kwalifiki formali billi jiġu stabbiliti regoli u kriterji komuni li jirriżultaw, sa fejn hu possibbli, fir-rikonoxximent awtomatiku ta' dawk id-diplomi, ċertifikati u evidenza oħra ta' kwalifiki formali [9]. Fit-tieni lok, il-premessa 7 tad-Direttiva 2013/55 tikkonferma li l-awtorizzazzjoni tal-aċċess parzjali – għal professjonijiet li għalihom id-differenzi bejn l-oqsma ta' attività fl-Istat Membru tal-oriġini tal-professjonist u l-Istat Membru ospitanti tant huma kbar li programm sħiħ ta' edukazzjoni u taħriġ ikun meħtieġ mill-professjonist sabiex jikkumpensa għan-nuqqasijiet tiegħu – hija b'mod ċ-ċar parti minn dan l-għan tar-rikonoxximent reċiproku ffaċilitat.

31. F'dak il-kuntest, jien tal-fehma li l-armonizzazzjoni tal-kwalifiki professjonali neċessarji għar-rikonoxximent awtomatiku tal-professjonijiet li l-portata tal-attività tiegħu hija ddefinita b'mod ċar mid-direttiva – bħalma huma tobba dentisti [10] – ma tfissirx li ċertu Stati Membru ma jaċċettawx l-eżerċizzju parallel u awtonomu ta' xi whud mill-attivitajiet li jaqgħu fi ħdan id-definizzjoni ta' "professjoni armonizzata" [11]. Madankollu, ikun kuntrarju għall-għanijiet imsemmija qabel li tali professjonisti jiġu impediti milli jipprattikaw fi Stat Membru ieħor fuq l-uniku pretest li din l-attività hija waħda minn dawk koperti minn professjoni oħra b'ambitu ikbar.

32. Għalhekk, l-introduzzjoni ta' aċċess parzjali fid-Direttiva 2005/36, fil-fehma tiegħi, tirrendi inapplikabbli l-ġurisprudenza bbażata fuq id-direttivi preċedenti li ma pprovdewx għall-ħolqien ta' kategorija ta' prattikanti li ma kinux jikkorrispondu ma' l-ebda kategorija pprovduta fid-direttivi applikabbli f'dak iż-żmien [12].

33. Kuntrarju għal dak li seta' ġie argumentat b'mod jew ieħor mir-rikorrenti fil-proċeduri prinċipali, ma narax kif l-awtorizzazzjoni tal-aċċess parzjali għal attivitajiet inklużi fil-professjonijiet li jibbenefikaw mir-rikonoxximent awtomatiku tal-kwalifiki professjonali tagħhom skont il-Kapitoli II, III u IIIa tat-Titolu III tad-Direttiva 2005/36 jista' jitqies kuntrarju għall-armonizzazzjoni mfittex mil-leġiżlatur. Tali armonizzazzjoni ma timpedix il-fatt li dawk il-professjonijiet jistgħu jikkonsistu minn attivitajiet differenti li jistgħu jkunu, minn perspettiva oġġettiva, diżassoċjati mill-attivitajiet koperti mill-"professjoni armonizzata" u, segwiti b'mod awtonomu.

8 Ara, f'dak is-sens, is-sentenza tas-16 ta' April 2015, Angerer (C-477/13, EU:C:2015:239, punti 36 u 44).

9 Ara, f'dak is-sens, is-sentenza tad-19 ta' Jannar 2006, Colegio de Ingenieros de Caminos, Canales y Puertos (C-330/03, EU:C:2006:45, punt 23).

10 Skont l-Artikolu 36(1) tad-Direttiva 2005/36 u għall-iskop ta' dik id-direttiva, "l-attivitajiet professjonali bħala tobba dentisti huma l-attivitajiet definiti fil-paragrafu 3 u eżerċitati taħt il-kwalifiki professjonali elenkati fl-Anness V, punt 5.3.2."

11 Eżempju tajjeb hawnhekk huwa dik is-sitwazzjoni tal-iġjenisti dentali Belġjani ċċitata mill-Kummissjoni.

12 Ara d-digriet tas-17 ta' Ottubru 2003, Vogel (C-35/02, EU:C:2003:570, punti 28, 30 u 31).

34. B'kuntrast, persuna – il-"professjonist" fis-sens tal-Artikolu 4f(6) tad-Direttiva 2005/36 – li għandha l-kwalifiki kollha meħtieġa biex tipprattika waħda mill-professjonijiet koperti mir-rikonoxximent awtomatiku tal-kwalifiki personali għandha neċessarjament tiġi ammessa biex tipprattika l-attivitajiet kollha koperti mill-professjoni inkwistjoni. Dan huwa kif l-effettività – *effet utile* – tad-Direttiva 2005/36 hija ppreżervata u kif jien nifhem il-projbizzjoni tal-aċċess parzjali msemmi fl-Artikolu 4f(6) tad-Direttiva 2005/36.

35. Minkejja d-Direttiva 2005/36 tittratta dawn il-professjonijiet il-kwalifiki ta' liema huma armonizzati kumplessivament, hija madankollu tirrikonoxxi r-realtà li f'ħafna Stati Membri hemm attivitajiet professjonali separati li joperaw taħt ir-rubrika ta' professjoni waħda. Dawn l-attivitajiet professjonali jistgħu, dażgur, jinvolvu edukazzjoni u taħriġ korrispondenti. Fil-fatt, id-Direttiva 2005/36 ma tipprekludix pereżempju kors ta' taħriġ speċjalizzat, it-titolu tiegħu ma jikkorrispondix ma' dawk elenkati fl-Anness V ta' dik id-direttiva, milli jkun miftuħ kemm għal persuni li kkompletaw biss kors ta' taħriġ mediku bażiku u għal dawk li lestew u vvalidaw biss studji fil-kuntest ta' kors ta' taħriġ fuq dentistrija bażika [13], anki jekk, f'dak il-każ, tali taħriġ speċjalizzat ma jistax iwassal għall-ħruġ ta' evidenza ta' taħriġ mediku bażiku jew evidenza ta' taħriġ dentali bażiku [14].

36. F'dawk iċ-ċirkustanzi, jien tal-opinjoni li, fir-rigward tal-professjonijiet l-oħra li għalihom għamlet referenza l-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenzi tagħha tad-19 ta' Jannar 2006, Colegio de Ingenieros de Caminos, Canales y Puertos (C-330/03, EU:C:2006:45), u tas-27 ta' Ġunju 2013, Nasiopoulos (C-575/11, EU:C:2013:430), meta l-attività inkwistjoni tista' tiġi sseparata b'mod oġġettiv mill-bqija tal-attivitajiet ta' waħda mill-professjonijiet koperti mill-mekkaniżmu tar-rikonoxximent awtomatiku tal-kwalifiki professjonali stabbiliti mid-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu III tat-Titolu III ta' dik id-direttiva, l-effett disważiv ikkawżat mill-preklużjoni ta' kwalunkwe possibbiltà ta' aċċess parzjali ikun wisq serju biex jiġi kkumpensat mill-biża' ta' ħsara potenzjali lid-destinatarji tas-servizzi jew dak li hu meħtieġ fir-rigward ta' protezzjoni tas-saħħa [15].

37. F'tali każ, dawk l-objettivi leġittimi jistgħu jiġu miksuba permezz ta' modi inqas restrittivi, partikolarment l-obbligu li jintuża t-titolu professjonali ta' oriġini jew it-titolu akkademiku kemm fil-lingwa li fih ġie mogħti u fil-forma oriġinali tiegħu, u fil-lingwa uffiċjali tal-Istat Membru ospitanti [16]. Dik is-salvagwardja issa hija espressament prevista mill-Artikolu 4f(5) tad-Direttiva 2005/36. L-Artikolu 4f(5) ikompli jżid li l-professjonisti li jibbenefikaw mill-aċċess parzjali għandhom jindikaw biċ-ċar lid-destinatarji tas-servizz l-iskop tal-attivitajiet professjonali. Barra minn hekk, għandu jiġi mfakkar li l-aċċess parzjali jista' jingħata abbażi ta' kull każ għalih u li l-Istati Membri jistgħu, fi kwalunkwe każ, jirrifjutaw aċċess parzjali għal raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali bħas-saħħa pubblika, skont l-Artikolu 4f(2) tad-Direttiva 2005/36.

38. Konsegwentement, fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, nikkunsidra li l-Artikolu 4f(6) tad-Direttiva 2005/36 ma jipprekludix Stat Membru milli jipprovdi għal aċċess parzjali lil wieħed mill-professjonijiet koperti mill-mekkaniżmu tar-rikonoxximent awtomatiku tal-kwalifiki professjonali stabbilit mid-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu III tat-Titolu III ta' dik id-direttiva.

13 Ara, f'dak is-sens, sentenza tad-19 ta' Settembru 2013, Conseil national de l'ordre des médecins (C-492/12, EU:C:2013:576, punt 39).

14 Ara, f'dak is-sens, is-sentenza tad-19 ta' Settembru 2013, Conseil national de l'ordre des médecins (C-492/12, EU:C:2013:576, punt 40).

15 Ara, f'dak is-sens, is-sentenzi tad-19 ta' Jannar 2006, Colegio de Ingenieros de Caminos, Canales y Puertos (C-330/03, EU:C:2006:45, punt 38), u tas-27 ta' Ġunju 2013, Nasiopoulos (C-575/11, EU:C:2013:430, punti 30 u 34).

16 Ara, f'dak is-sens, is-sentenza tad-19 ta' Jannar 2006, Colegio de Ingenieros de Caminos, Canales y Puertos (C-330/03, EU:C:2006:45, punt 38).

VI. Konklużjoni

39. Għalhekk, fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha twieġeb id-domanda preliminari mressqa mill-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat, Franza) bil-mod segwenti:

L-Artikolu 4f(6) tad-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar ir-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali kif emendata bid-Direttiva 2013/55/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Novembru 2013, ma jipprekludix Stat Membru milli jipprovdi għal aċċess parzjali lil waħda mill-professjonijiet koperti mill-mekkaniżmu tar-rikonoxximent awtomatiku tal-kwalifiki professjonali stabbilit mid-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu III tat-Titolu III ta' dik id-direttiva.